MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Numru 693/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur T. Sciberras)**
**(Spettur R. Vella)**

**vs**

**CARMELA CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmela Camilleri ta' 39 sena mwielda fil 7 ta Marzu 1971 Pieta bint Bartholomeo Camilleri u Maria nee Muscat u residenti f'no 10 Sammut flats flat no 2 Triq il-Mulet San Pawl il-Bahar detentrici tal- karta tal - identita numru ID 139071M

Giet akkuzata talli, f'dawn il- Gzejjer u cioe Bugibba San Pawl il-Bahar bejn 7 ta Lulju 2010 u 11 ta Lulju 2010 f'xi

hin ikkommettiet serq liema serq huwa ta valur aktar minn 2300 Euro ghad- detriment ta omma Maria Camilleri liema serq huwa ikkwalifikat bil- valur, bil-persuna u bil-lok

U aktar talli kkommettiet reat waqt il-perjodu ta’ sentenza sospiza mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b’sentenza moghtija nhar l-24 ta’ Mejju 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li saret recediva ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta wara li kienet misjuba hajai ta’ diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 13 ta’ Lulju, 2011 u nnutat li l-imputata Carmela Camilleri iddikjarat li m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li nkwantu ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju tieghu datata 13 ta’

Lulju, 2011, l-oggetti li huma soggetti ghall-konfiska huma Dok MB3 u Dok RVP1.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li hu konsapevoli li l-imputata ghandha problema serja ta' abbuz mid-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), (d) u (e), 267, 268(b), 269(g), 279(b), 280(1), 281(b), 28A, 28B, 28C, 49, 50, 289, 17, 23, 31. 331, 332 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Carmela Camilleri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputata u ghaldaqstant inkwantu ghall-ewwel (1) akkuza, li tirrigwarda serq ikkwalifikat, u t-tielet (3) akkuza, li tirrigwarda recidiva, tikkundanna lill-imputata Carmela Camilleri ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u nkwantu ghat-tieni (2) akkuza, li tirrigwarda l-ksur ta' provvediment ta' Sentenza sospiza, tordna li fil-konfront tal-imputata Carmela Camilleri tigi resa operattiva s-Sentenza sospiza li nghatat fl-24 ta' Mejju 2010 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija [Spettur Chris Pullicino] vs Carmela Camilleri" fejn l-imputata Carmela Camilleri giet ikkundannata ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal tlett snin, u b'hekk l-imputata Carmela Camilleri ghandha taghmel sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija b'kollox.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti rispettivament bhala Dok. MB3 u Dok. RVP1.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputata Carmela Camilleri sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum thallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tlett mija u seba' Euro u seba' u ghoxrin centezmi ta' Euro (Euro 307.27) rappresentanti

spejjes inkorsi bin-nomina tal-espert Martin Bajada fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara li l-imputata Carmela Camilleri tkun assistita sabiex teghleb il-problema serja li ghandha ta' abbuz mid-droga u ghal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------